

*Bijografija*

# Kav. Alfred Camilleri Cauchi

## *Artist Malti, ta' fama internazzjonali*



L-Artist Alfred Camilleri Cauchi, huwa t-tielet wild, tal-iskultur Għawdxi Agostino (Wistin) Camilleri u Francesca née Cauchi. Twieled fir-Rabat Għawdex, fl-24 ta' Jannar, 1943. Attenda l-Kulleġġ tas-*St. Edwards* f'Għawdex stess, u fl-iskola tal-arti f'Malta. Alfred kompla jistudja t-talenti tiegħu fil-kulleġġ tal-arti f'Edinburgh, Scotland, mal-professuri tal-arti Schilski, Andrew Dodds u Anne Hendascen. Camilleri Cauchi ngħata dan l-i*scholarship* minn Lady Laycock, il-mara ta' Sir Robert Laycock, li dak iż-żmien kien il-Gvernatur ta' Malta.

Lura Malta, Alfred beda jgħin lil missieru fix-xogħol ta' dekorazzjoni tal-knejjes Maltin u Għawdxin, u hawn missieru sabu ta' għajnuna kbira. Bosta knejjes jiftaħru bix-xogħol tal-arti li ħarġu minn idejn dan l-artist, fosthom tista' ssemmi dekorazzjonijiet fis-soqfa, kif ukoll statwi titulari. Fosthom l-istatwa titulari ta' Marija Reġina li hija l-unika statwa titulari f'Malta ta' dan l-artist li toħroġ proċessjonalment. Matul ħajtu Alfred esperimenta b'diversi materjali, biex joħloq xogħlijiet tal-arti differenti. Ħadem bil-kartapesta, *fibreglass*, kif ukoll skolpixxa statwi mill-injam, ġebla u rħam. Il-kapolavuri ta' Camilleri Cauchi joħorġu l-kreattività kbira li għandu l-artist. Dejjem oriġinali, biss reali u naturali.

Alfred Camilleri Cauchi hu magħruf sew għall-istatwi sbieħ u artistiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dawn nistgħu nsibuhom f'ħafna parroċċi, madwar il-gżejjer Maltin. F'parroċċi oħra ħadem l-istatwa tal-Irxoxt. Hawnhekk mingħajr dubju ma nistgħux ma nsemmux l-istatwa mill-isbaħ tal-Irxoxt li tinsab fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex. Alfred kien ukoll l-ewwel artist Malti li ħadem statwa magħmula mill-*fibre*. Wieħed jista' jara bosta minn dawn l-istatwi fil-Ġimgħa Mqaddsa.

L-iskultur, kien ukoll l-ewwel artist li ħadem monumenti fl-irħula Maltin għall-vittmi tat-tieni gwerra dinjija. Monumenti ta' dan it-tip jinsabu: Ħal

Tarxien, Bormla, Ħaż-Żabbar u ż-Żurrieq. Il-ħiliet artistiċi u l-kapaċità tal-iskultur huma esposti f'dawn il-monumenti. Camilleri Cauchi ħadem monumenti u busti kommemorattivi ta' personalitajiet varji fosthom: Anton Tabone, Frenċ tal-Għarb, Gio Pietro Francesco Agius De Soldanis, Ġorġ Pisani, Ġużè Muscat Azzopardi, Karmni Grima, Ninu Cremona, Pietru Pawl Saydon, Papa Ġwanni Pawlu II u San Ġorġ Preca, l-ewwel Qaddis Malti. Uħud minn dawn il-monumenti huma magħmula mill-bronż, u oħrajn huma magħmula mill-*fibre*, materjal li jirreżisti l-elementi naturali.

Ix-xogħlijiet artistiċi tal-artist ma jinsabux biss madwar il-gżejjer Maltin, imma huma mferrxa f'pajjiżi oħra. Camilleri Cauchi ħadem sett statwi tal-Ġimgħa l-Kbira għall-*Horsely Park* fl-Awstralja, żewġ kurċifissi tal-kartapesta, statwa ta' Santa Klara u statwa tal-Madonna tar-Rużarju, kollha għall-Kanada. Għall-Ingilterra skolpixxa statwa tal-Madonna tal-Karmnu. Xogħolijiet oħra tal-artist jinsabu f'Melbourne l-Awstralja, l-Italja, il-Libja, kif ukoll f'Oslo n-Norveġja.

Waħda mill-iktar kapolavuri favoriti tal-artist hija l-istatwa ta' Kristu Re, li skolpixxa fl-injam fis-sena 1998. Huwa interessanti li Camilleri Cauchi skolpixxa din l-istatwa minn zokk wieħed, li kien speċifikament impurtat minn foresta Afrikana. Din l-istatwa tinsab fil-Każin tal-Banda De Paul, f'Raħal Ġdid. Numru kbir ta' statwi jżejnu t-toroq u l-pjazez tal-irħula Maltin u Għawdxin fil-ġimgħa tal-festa. Ħafna minn dawn l-istatwi juru: settijiet ta' anġli, profeti, appostli, figuri bibliċi, qaddisin, kif ukoll personaġġi oħra.

Fl-1969, Alfred beda jiskolpixxi fl-irħam sett statwi tal-Via Sagra, li jinsabu quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, fl-Għarb, Għawdex. Alfred Camilleri Cauchi ngħata t-titlu ta' Kavallier mill-*Ordine Reale della Corona Balearica* ta' Spanja.

Riċentament, l-Akkademja Internazzjonali 'Greci-Marino', li tinsab l-Italja, għamlet stħarriġ ma' artisti Maltin u internazzjonali. Il-bord tad-diretturi ta' din l-akkademja eżaminat ix-xogħlijiet artistiċi ta' kull artisti u importanza kbira ngħatat lil-livell artistiku u t-tekniċi użati. Ta' min jgħid li ħafna aristi famużi minn livelli artistiċi differenti: bħal-letteratura, mużika u arti viżwali ffurmaw parti minn din l-ordni. Il-bord tad-diretturi ddeċieda li l-iskultur u restawratur Għawdxi l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi jkun premjat it-titlu prestiġjuż ta' konsulent nazzjonali għall-Malta f'din l-akkademja. Dan għaliex kien magħżul bħala persuna ta' referenza għall-artisti oħrajn biex jigwidahom fit-tekniċi assoċjati mal-iskultura u r-restawr. Dan kien it-tieni titlu mogħti lil Camilleri Cauchi minn din l-istess ordni, l-ewwel waħda tmur lura għall-1998, fejn kien onorat Kavallier.